Minuti tal-Laqgħa Nru. 44 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta 12 ta' Frar 2019 fl-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Eric Camilleri<br>Is-Sur Kearon Bruno<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Skużat | Is-Sur. Victor Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |
| Preżenti wkoll | Is-Sur. Joseph Piscopo (Accountant) |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-Financial Statements
5. Miżura 4, Green Infrastructure, Triq id-9 t' April
6. Laqgħa Anwali
7. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
8. Aġġornament

**Is-Sindku talab lill-Kunsilliera preżenti sabiex ikun hemm tibdil fl-ordni tal-laqgħa peress li kien hemm l-item tal-approvazzjoni tal-Financial Statements u l-Accountant kellu x' impenji oħra. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan it-tibdil.**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet. Il-minuti kienu proposti mis-Sindku u l-Kunsilliera Lucia Massa.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa li peress li se ssir Valletta Road mill-ġdid hux possibbli li s-servizzi li hemm bħalissa jgħaddu minn taħt il-bankina. Is-Sindku qal li kif niġu għall laqgħa ma' Transport Malta inressqulhom din il-proposta.

3.2 Is-Segretarju ressaq email li wasslet minn naħa tal-Lifelong Learning fuq il-korsijiet li kienu se jsiru. Huwa qara x' kien hemm korsijiet u kien hemm l-interess biex isir l-ECDL, ICT for beginnners u Cardmaking.

3.3 Is-Sindku semma li fuq il-lattrina ta' Triq Dun Pawl, se noħorġu t-tenders biex isir x-xogħol mill-ġdid.

3.4 Is-Segretarju semma li kien se jkun organizzat kors għall adulti fuq it-tqassim tar-riżorsi.

3.5 Is-Sindku semma li fuq il-miżura tal-ħitan tas-sejjiegħ kien inħareġ it-tender u dan se jkun qed jagħlaq fil-15 ta' Marzu.

3.6 Il-Kunsilliera Massa qalet li dak li jieħu ħsieb iċ-Ċimiterju kien qed jarmi xi affarijiet fit-Triq. Hija saqsiet nistgħux inġibulu skip. Is-Sindku qal li se jkellem lill-Kappillan fuq il-każ peress li fl-aħħar mill-aħħar huwa responsabbli tal-post.

3.7 Il-Kunsillier Camilleri semma li hemm spuction fi Triq Anton Falzon li huwa miksur. Is-Segretarju qal li se jibgħat lil xi ħadd biex jara xi ħsara hemm.

3.8 Il-Kunsillier Massa qalet biex fi Triq il-Ġdida fejn hemm il-liwja napplikaw għall pelican crossing.

3.9 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet lis-Segretarju fuq l-email li kienet bagħatitlu fuq Ħal Farruġ. Is-Sindku qal li kien hemm minhom bħala ilmenti li diġà ttieħdet azzjoni fuqhom.

## 4.0 APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

4.1 Is-Sur. Piscopo irrimarka biex naraw mill-ewwel l-istatement li hemm f' paġna 4 fejn hemm is-surplus. Huwa qal li minn din is-sena inħarġu struzzjonijiet biex fejn hemm deferred income jkun ittrattat differenti minn kif kien ittrattat fi' snin preċedenti.

4.2 L-accountant irrefera għan noti li kienu qed jidhru fejn hemm l-istatements u ta spjegazzjoni fuqhom mill-paġni li kien hemm fuq wara tal-istatements.

4.3 L-accountant spjega li kien hemm diskrepanza fl-ammont tal-assi kemm kienu qed jidhru fis-sena 2017 u issa naqsu għas sena 2018. Dan kien għall fatt li d-dejn qed jiġi assorbiet skont l-Accounting Principles li kienu ħarġu.

4.4 Is-Sur. Piscopo għalaq l-ispjegazzjoni tiegħu billi qal li l-Kunsill Lokali jinsab f' pożizzjoni tajba ħafna u anki fl-audit m' hemmx affarijiet serji. Huwa qal li xi issues bħall ta' Polidano jibqgħu jitilgħu minn sena għall oħra sakemm dawn ma jkunux riżolti.

4.5 Il-Financial Statements kienu approvati mill-membri kollha tal-Kunsill Lokali b' vot unanimu.

## 5.0 MIŻURA 4, GREEN INFRASTRUCTURE, TRIQ ID-9 T' APRIL

5.1 Is-Sindku qal li fuq din il-Miżura konna ħriġna t-tender u kien hemm bżonn li issa jinħatar Bord apposta biex jevalwa l-offerti. Is-Sindku nnommina lil Dr. Philip von Brockdorf, Perit Christian Buhagiar u Dr. Hubert Theuma. Il-Kunsilliera preżenti għall laqgħa qablu li jkun hemm dawn il-membri maħtura biex jagħmlu l-evalwazzjoni tat-tender.

## 6.0 LAQGĦA ANWALI

6.1 Is-Sindku semma li bħall dawn iż-żminijiet irridu nagħmlu l-laqgħa annwali. Huwa saqsa lill-Kunsilliera jekk kienx hemm xi data ideali għalihom.

6.2 Is-Sindku ppropona l-ġurnata tal-15 ta' Marzu biex issir il-laqgħa imsemmija. Huwa qal li dakinhar nistgħu nagħmlu wkoll il-laqgħa tal-Kunsill qabel u wara nkomplu bil-laqgħa annwali.

## 7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Is-Segretarju irrefera għall numru ta' pagamenti li ma kinux qed jidhru fl-iskeda. Huwa qal li kien hemm numru ta' pagamenti relatati ma' qsiem ta' tyres minn numru ta' persuni differenti li ġraw fi Triq Ħal Farruġ. Il-Kunsilliera talbu biex bħala Kunsill nieħdu parir legali fuq dawn il-każijiet.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 12 ta' Frar 2019 fis-6.45 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-15 ta' Marzu proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum _______________________2019.

_____________________
John Schembri
Sindku

_____________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv